MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 294/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nikolai Sant)**
**Vs**
**Paul Spagnol**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Diċembru, 2009 għall-ħabta ta' 07.35 p.m. ġewwa Triq Wied Ghomor, San Giljan :

1. Ikkommetta serq minn vettura numru DAC 578 li l-valur ma jeccediex il-50 Euro ghad-detriment ta' Andre Mifsud;
2. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 670, ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil

haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel;
3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;
4. Qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
5. fl-istess data ghall-habta ta' bejn 7.40 p.m. u 7.50 p.m. gewwa Triq Forrest u Triq il-Mensija, San giljan ta fastidju lil PC 670 W. Sheldon;
6. irrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u ta' l-Appell (Mag. Dr. L. Quintano u Mag. Dr. A. Mizzi) decizi 6/11/2009, 22/11/2007, 9/3/2006 u 20/02/2006 liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 284, 285 tal-Kap. 9 u l-artikoli 49 u 50 ta' l-istess Kap., sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu ghall-prigunerija ghall-perjodu ta' xahar. Rigward it-tieni, it-tielet, ir-raba' w il-hames imputazzjoni stante konflitt ta' provi ma sabitux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u minnhom illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla w tirrimetti lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati jew tiddeciedi l-kaz, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni, tat-tielet, ir-raba' w il-hames imputazzjonijiet u thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u tas-sitt imputazzjonijiet, (ghalkemm il-Qorti ma ppronunzjatx ruhha fuq din l-imputazzjoni) u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok is-sentenza appellata ta' l-Ewwel Qorti hija nulla, u dan stante li l-Ewwel Qorti naqset fis-sentenza appellata illi tippronunzja ruħha dwar is-sitt imputazzjoni, dik tar-recidiva, billi jew issib htija jew tillibera lill-appellant (art. 377(1) tal-Kap. 9). In vista ta' dan, is-sentenza appellata hija difettuza w nieqsa minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u ghalhekk dan jirrendi s-sentenza nulla. Jigi rilevat li ghalkemm l-Ewwel Qorti fid-decide ċċitat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, jirrizulta li fil-parti disposittiva ta' l-istess sentenza, s-sitt imputazzjoni hija ghal kollox assenti, u ghalhekk dan jirrendi s-sentenza nulla.

Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost b'riferenza ghall-piena nflitta l-appellant jirrileva li fil-kaz odjern, il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ma tohloqx il-bilanc mehtieg bejn l-aspett retributtiv u l-aspett riformattiv tant accenat fiz-zminijiet ta' llum. F'dan ir-rigward, l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza ta' l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April, 2006, per Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 446.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellat ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi llum huwa persuna differenti, illi kellu jingħata ċans ieħor, sabiex ir-riforma tiegħu tigi msaħħa.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Aggravju**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li s-sentenza hija nulla għaliex l-ewwel Qorti naqset li tippronunzja ruħha dwar is-sitt imputazzjoni – dik tar-reċidiva. B'sostenn ta' dan l-aggravju l-appellant jirreferi għall-każ 'Il-Pulizija versus Generoso Sammut tat-13 t'Ottubru 2004).

Għal dak li huma fatti, fil-fehma tal-Qorti, jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti, hija u tikteb is-sentenza bl-idejn, rreferiet għall-artikoli 285 u 50 tal-Kap 9 li kienu l-artikoli relevanti biex ikun soddisfatt l-artikolu 382 tal-Kap 9 ġaladarba l-Ewwel Qorti sabet ħtija tal-ewwel imputazzjoni u tar-reċidiva u lliberat lill-imputat mit-tieni, mit-tielet, mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni.

Meta imbagħad is-sentenza kienet dattilografata, il-Qorti semmeit l-artikoli 284, 285 tal-Kap 9 dwar l-ewwel imputazzjponi u l-artikolu 49 u 50 tal-istess Kap dwar ir-reċidiva.

Minn dan jidher li m'hemm xejn li jmur kontra dak li jirrikjedi l-artikolu 382 tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

'għandha tgħid il-fatti li tagħhom ikun ġie misjub ħati.'

Issa meta sentenza tinkiteb fuq iċ-ċitazzjoni stess, ġaladabra l-'fatti' jkun jidhru stampati fuq iċ-ċitazzjoni, allura, jekk ma jkunx hemm xi problemi minħabba xi konflitt jew nuqqas ta' ċarezza, il-Kap 382 jkun soddisfatt xorta waħda.

Oltre dan, ir-reċidiva mhux 'fatt' fis-sens li huma l-imputazzjonijiet l-oħra. Hija tissejjaħ addebitu u n-natura tagħha hija differenti mill-imputazzjonijiet. Fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Josef Abela' (17 ta' Settembru 2008 – Qorti tal-Appell Kriminali), intqal dan li ġej:

'Ir-reċidiva ma tistax titqies bħala akkuża oħra iżda bħala ċirkostanza tas-sejbien ta' ħtija.'

L-appellant jirreferi għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Generoso Sammut' tat-13 ta' Ottubru 2004, iżda din is-sentenza hija dwar silenzju perfett tal-Ewwel Onorabbli

Qorti dwar it-tielet imputazzjoni (li kienet theddid bil-fomm). Fil-każ odjern mhux biss hawn l-artikoli ċitati iżda wkoll li m'hawn ebda imputazzjoni involuta iżda biss l-addebitu tar-reċidiva.

Isegwi għalhekk li s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi hija valida u għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ix-Xhieda Mismugħa fil-Qorti tal-Appell Kriminali**

Mix-xhieda ta' PC 670 Walter Sheldon jirriżulta li fl-4 ta' Diċembru 2009, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs u ħamsa ta' filgħaxija, l-appellant kien qed iżarma parti minn quddiem tal-vettura DHC 578. L-appellant kien qal li kellu bżonn il-viti. Skont l-appellant stess il-karozza kienet ta' sieħbu li kien mejjet. Meta l-Ispettur talab lill-appellant jagħtih l-għodda , dan irrispondieh 'intik l-ostja. Dik mhux ser intihielek.'

L-appellant kien ta l-viti lis-surġent 928.

Il-vettura kellha wkoll żewġ fanali neqsin kif jidher mir-ritratt a fol 5.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li minn fejn kienet il-karozza sal-għassa tal-Pulizija kien hemm madwar tletin sekonda mixi (fol 77).. Ix-xhud baqa' jinsisti li l-episdoju kollu sar f'ħames minuti.

Ix-xhud Brian Farrugia kkonferma li l-karozza DHC 578 kienet reġsitrata f'isem is-soċjeta' Arma Caterers Limited minn San Ġiljan. Bħala contact eprson hemm Andre Mifsud. Hija tal-għamal Ford Escort Van ta' kulur abjad u ilha rreġistrata minn din is-soċjeta mis-s27 ta' Frar 2008.

Xehed ukoll l-Ispettur Nikolai Sant li kkonferma li huwa kien esibixxa s-sentenzi tar-reċidiva.

Għad-difiża xehedt ir-rappreżentant tal-Caritas Mrs Cali li qalet li l-appellant illum il-ġurnata qiegħed isegwi kors ta' riabilitazzjoni u sejjer tajjeb ħafna.

**It-Tieni Aggravju**

Issa t-tieni aggravju tar-rikorrent huwa dwar il-piena ta' xahar priġunerija inflitta mil-Ewwel Onorabbli Qorti. Skont l-appelalnt huwa llum qabad itg-tirq tar-riforma u għandu jingħata ċans ieħor kif ingħataw persuni oħra kif jidher mis-sentenzi 'Il-Pulizija versus John Farrugia (25 t'April, 2006); 'Il-Pulizija versus Charlot Aquilina (7 ta' Novembru, 2008) u il-Pulizija versus Timar Hathery u Justin Farrugia (9 t'Ottubru 2008).

Fil-fehma tal-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda, hija moralment konvinta li l-appellant wettaq l-ewwel reat skont iċ-ċitazzjoni. Hija moralment konvinta wkoll li huwa reċidiv.

Il-Qorti semgħet b'attenzjoni dak li xehdet ir-rappreżentanta tal-Caritas dwar il-progress li qed jagħmel l-appellant kemm ilu li beda l-programm ta' riabilitazzjoni.

Biss il-Qorti nnutat dawn id-dettalji fil-każ tal-appellant.

(a) Huwa twieled fl-1967 u għalhekk, f'Diċembru tas-sena 2009, meta wettaq ir-reat diġa' kellu 32 sena u ma kienx xi żagħżugħ ta' tmintax-il sena.

(b) Il-fedina penali tiegħu bdiet għaddejja mill-20 ta' Ġunju 1985 u sas-6 ta' Novembru 2009 kien għadu qed jinstab ħati. Il-fedina penali turi sentenzi ta' priġunerija, waħda minnhom ta' 5 snin (25.05.2000).

Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tqis li l-piena ta' xahar priġunerija, inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, bħala waħda idonea fiċ-ċirkostanzi.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi nhar is-17 ta' Ġunju 2010 fl-intier tagħha.

Qed tirrakommanda lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin biex, **sa fejn** **jippermettu r-regolamenti biss**, l-appellant ikompli l-programm li beda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------